# HWEJGI GO FIRENZE

*Ta'* NIKOL BIANCARDI

Konna niżlin bl-Auto-pullman minn Ruma għal Montecatini. Kont ili ħafna nixtieq biex inżur din il-belt żgħira, magħrufa maddinja għall-ilmijiet tagħha li jnaddfu l-ġewwieni, iraqqu u jagħtu s-saħħa. Qaluli li fis-sajf Montecatini tkun mimlija bit-turisti li jmorru fiha b'dan il-ħsieb. Imdawra bil-ġonna u bil-lukandi, milħuqa minn kull divertiment u neputija tal-belt baħħarija ta' Viareggio, li tiġi fil-qrib, għalija Montecatini kienet belt li kienet ilha ħafna ddur ma' moħħi. U fl-aħħar dan il-jum wasal.

Wara li qattajt erbat ijiem f'Ruma, il-Belt Eterna li jiena kont ġa żort xi għoxrin darba, wasal il-ħin li nitlaq bil-pullman għal Montecatini. Fi triqtna messejna għadd ta' bliet u nżilna fihom biex nitrejqu xi ftit, fost dawn kien hemm Perugia u Firenze.

Firenze! — belt oħra li kienet dejjem fi ħsiebi. Dwarha kont qrajt ħafna: kont naf li hija belt storika mimlija monumenti tal-għaġeb. Imma xi stajt nara fis-sagħtejn li għamilna hemmhekk induru u nixorbu? . . . Għalkemm il-Gwida li kellna għamel kull ma sata' biex jagħtina idea ta' Firenze, imma, kif sata' juri u jfiehem x'fiha belt li għas-siwi storiku tagħha kienet tiġi wara Ruma . . .

Jaħasra, għedt f'qalbi, meta, bħal mitluf, kont qiegħed inħares lejn il-bini griż tagħha, jaħasra kemm kellha tara fuq wiċċha din il-belt u kemm rat ħakkiema bla skrupli! Kemm-il darba ġġarrfet u qamet minn mindu Totila — il-gwerrier bla qalb li ma ħafirha l-anqas lill-Belt Imqaddsa ta' Ruma — qeridha, tista' tgħid, u neżżagħha mill-għana u l-ġmiliijiet tagħha!

Flimkien ma' xi ħamsin turist ieħor, jiena żort id-Duomo, jew Kattidral; il-Battistero; il-Kampnar ta' Giotto, il-Palazzi kbar u l-knejjes tal-għaġeb tagħha. Għaddejna mill-Piazza della Signoria; u dak il-ħin fi ħsibijieti għaddew wieħed, wieħed, ulied Firenze, fosthom Dante, Giotto, Michelangelo, Macchiavelli, Cellini, Andrea del Sarto u bosta oħrajn.

Fid-Divina Commedia tiegħu Dante — għalkemm kien eżiljat — ftakar f'Belt Twelidu bosta drabi. Fil-vrus tiegħu dwar din il-belt famuża wera għadd ta' drabi l-imħabba ta' qalbu għalkemm mimlija bl-imrar minħabba l-imġiba tat-tiranni li ħakmuha.

Sentejn ilu, fl-1966, Firenze ftakret fih ta' vera omm li tgħożż lil binha li kabbrilha isimha mad-dinja, f'egħluq is-seba' ċentinarju tiegħu, iżda l-ferħ li ġarrbet f'din l-okkażjoni kellu jinbidel f'imrar fi żmien qasir meta fix-xitwa kiefra ta' l-istess sena x-xmara Arno

li ddur mal-Belt min-naħa tal-lemin faret u geġglet mhux biss fit-toroq tagħha, iżda saħansitra fil-knejjes u fil-palazzi kburin tagħha, fi djar għonja u foqra, fi stabilimenti kbar u żgħar.

Fil-waqfa qasira tiegħi f'dik il-belt jiena kont għamilt ħabib ma' librar, ċertu Giovanni Rossi, li minn għandu kont xtrajt xi kotba. Giovanni baqa' jiktibli bħallikieku kont ili ħabib miegħu s-snin u kien dejjem igħarrafni bi ħruġ ta' kotba ġodda. Fil-kitba tiegħu lili kienet tidher mhux biss l-id ta' negozjant onest, iżda wkoll il-qalb ta' Fjorentin li kien jaf igħożż lil min igħożżu.

Meta, fix-xitwa qalila ta' sentejn ilu, kien ġara d-diżastru f'Firenze li kien bekka lid-dinja u li kien ġiegħel lill-Qdusija tiegħu l-Papa Pawlu Sitta jmur jqaddes fiha ma' tul il-lejl, jiena ħassejtni maħkum minn dispjaċir kbir mhux biss għan-nies li għerqu u tilfu ħajjithom f'dak il-għargħar ta' l-ilma li kien fgaha u radamha, iżda wkoll għal dawk il-ħafna teżori tal-għaġeb li jien kont qrajt fuqhom u li wħud minnhom kont rajt b'għajnejja.

X'sar mill-ħabib tiegħi Giovanni Rossi? għedt f'qalbi. X'sar mill-ħanut tal-kotba tiegħu? Kont ili ma nirċievi minn għandu xi tliet xhur. Giovanni kien mimli, bħali, u kważi jixbahni. Kien joqgħod f'Via San Niccolò. Kollox ma' kollox kien hemm ċirkustanzi li rabtuni ma' dan il-Fjorentin. *X'sar minnu? u lema flus jistgħu jagħtu lura lil Firenze t-teżori u l-monumenti tal-għaġeb tagħha? U jekk jagħtuha l-flus tad-dinja kollha, min jista' jerġa' joħroġ lil dawk l-artisti kbar li żejnuha b'ħilithom u b'għerfhom u għamlu minnha t-tieni Ruma?*

Dawn u ħsibijiet oħra bdew jagħfsuli qalbi kuljum.

Malli bdew isiru s-Sejħat għall-għajnuna ma' Malta kollha, jiena kont minn ta' quddiem li bgħatt l-għajnuna ċkejkna tiegħi fi flus u fi ħwejjeġ. Kien hemm eluf li tilfu djarhom u ħwejjiġhom. Irid ikollok qalb ta' tigra biex toqgħod paxxut quddiem it-televiżjoni tara, minn fuq il-pultruna tiegħek, it-traġedja li kienet qiegħda tiġri f'dik il-belt mingħajr ma tiċċaqlaq ħalli tgħin kif tista'.

* * *

Wara erba' xhur minn dawn il-ġrajjiet tal-biki jiena qtajt li nżur Firenze u nara b'għajnejja l-ġrieħi tagħha mill-qrib: mort bħala ċittadin tad-dinja u bħala ġurnalist. Erġajt mort minn l-istess triq meta kont għaddejt minn hemm għal Montecatini — sena qabel. Dħalt fil-Knisja ta' Santa Maria del Fiore biex nara jekk il-kwadru l-iżjed famuż li kien pitter Domenico di Michelini ta' Dante Alighieri kienx għadu jeżisti. Hadt dehxa meta ma rajtux, imma wara ġejt imgħarraf li kienu warrbuh għax beżgħu li jingarr mit-tjun bħalma ġralhom ħafna kwadri oħra.

Imbagħad, b'qalbi tirtogħod, erħejtilha lejn Via San Niccolò,

fejn il-ħabib tiegħi Giovanni Rossi kellu l-librerija tiegħu. Din it-triq kienet ħerba waħda. Staqsejt għal Giovanni. *Miet? Għadu ħaj? Iftaqar iżjed milli kien?* Nistaqsi minn hawn u minn hemm fl-aħħar sibtu. Kien tilef kollox, barra minn ħajtu. Malli rani għarafni, għannaqni u biesni. Għajnejja ma setgħux jinqalgħu mil-libsa li kellu fuqu. Iva, għaraftha. Dik kienet il-libsa tiegħi; il-libsa li kont bgħatt ma' ħwejjeġ oħra. Għaraftha mit-tiżrit li kellha ma' dwar il-buttuni. Għaraftha sewwa. Ma nafx infisser x'ħassejt ġo fija. Lil Giovanni ma għidtlu xejn. Bżajt li numiljah bla ma xtaqt. U jibki u jolfoq huwa fissirli dak li kienet għaddiet minnu Firenze — Belt Twelidu.